MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta ta' l-24 ta' Frar, 2010

Appell Kriminali Numru. 108/2009

**Il-Pulizija**

**v.**

**Massimo Muscat**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Massimo Muscat talli b' diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, ghax-xhur ta' Ottubru 2008 u Novembru 2008, meta hekk ordnat minn xi Qorti jew marbut b'kuntratt, naqas li jaghti lil martu Caroline Muscat u/jew lil uliedhom is-somma ffissata minn xi Qorti jew stipulat bil-kuntratt bhala manteniment ghaliha u/jew ghall-ulied fi zmien hmistax-il jum minn dak li fih skond dik l-ordni jew dak il-kuntratt kellu jhallas dik is-somma;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-16 ta' Marzu 2009 li permezz taghha dik il-Qorti, wara li rat l-artikoli 338(z) u 18 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imsemmi Massimo Muscat hati u kkundannatu gimgha detenzjoni;

Rat ir-rikors ta' appell ta' Massimo Muscat tas-27 ta' Marzu 2009 li permezz tieghu talab li din il-Qorti li, filwaqt li tikkonferma s-sentenza appellata fejn sabet lill-esponent hati ta' l-imputazzjoni migjuba kontrih, tirriformaha billi tirriduci l-pina imposta ghal wahda aktar ekwa u gusta li tirrifletti c-cirkostanzi partikolari tal-kaz;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Fis-seduta tallum l-appellant esebixxa kopja ta' kuntratt li sar bejnu u martu fis-16 ta' Dicembru 2009 fl-atti tan-Nutar Dottor Rueben Debono. F'dan il-kuntratt jirrizulta, *inter alia*, li l-komparenti fuq dak il-kuntratt ftehmu li "jirtiraw u jirrinunzjaw ghal kull procedura penali pendenti fi kwalunkwe Qorti fil-konfront ta' xulxin lit kun min-natura taghha rinnzjabbli, filwaqt li jaqblu wkoll illi jahfru lil xulxin ghal fini u effetti kollha tal-ligi in konnessjoni ma' kull procedura penali ohra pendenti fi kwalunkwe Qorti." Permezz ta' l-istess kuntratt il-pretensjoni ghal manteniment ghal mart l-appellant u uliedhom gie sodisfatt *vita durante*.

Issa, l-imputazzjoni dedotta mhijiex, min-natura taghha, rinunzjabbli. Izda, kif gie ritenut fl-Appell Kriminali **Il-Pulizija v. Publius Said** deciz fid-9 ta' Lulju 2003 u f'diversi sentenzi sussegwenti:

**"l-ghan ewlieni tal-legislatur meta ntroduca din il--kontravvenzjoni xi ftit tas-snin ilu kien li jgib pressjoni fuq persuni li jkunu riluttanti li jhallsu manteniment lid-dipendenti taghhom u mhux li jippunixxi biss**

**ghall-ksur tal-ordnijiet tal-Qrati, li kif intqal ghandhom dejjem jigu obduti u osservati skrupolozament.”**

Konsegwentement ghandu jkun hemm temperament fil-piena.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tirriforma s-sentenza appellata, tirrevokaha in kwantu kkundannat lill-appellant ghal gimgha detenzjoni u minflok tikkundannah ghall-hlas ta’ *ammenda* ta’ tmienja u hamsin euro (€58), u tikkonfermaha fil-bqija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------